XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 410*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 38*
*Il-Ġimgħa 04 ta' Ġunju, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.45pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużat:* *Mr. Teddy Mizzi*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li s-Sindku kienet infurmatu li se tasal tard għal din il-laqgħa peress li kellha tmur Malta fuq xogħol. Hija nfurmatu wkoll li dwar il-Minuti 409 ma għandix korrezzjonijiet x'tagħmel.*

*Il-Viċi Sindku mexxa l-laqgħa sakemm ġiet is-Sindku.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 409 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-28**

**2. Quarterly Financial Reports – Ottubru-Diċembru 2009 u Jannar-Marzu 2010**

Dawn id-dokumenti kienu ġew ċirkulati lill-membri kollha. Il-Kunsill iddiskuta dawn id-dokumenti u ġew approvati unanimament.

**3. Pjan ta' Azzjoni Għall-Enerġija Sostenibbli (SEAP)**

Dan ir-rapport kien diġa ġie ċirkulat lill-membri kollha tal-Kunsill. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li s-Sindku kienet qaltlu li taqbel ma' dan ir-rapport. Ir-rapport SEAP sar bħala parti mill-azzjonijiet li l-Kunsill irid jieħu wara li ġie iffirmat il-Patt tas-Sindki. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u approvah unanimament. Il-Kunsill qabel li għandu jibda jaħdem biex jibda

iwettaq dan il-pjan ta' azzjoni għall-enerġija sostenibbli, li għandu jwassal sabiex innaqqsu l-emissjonijiet b'aktar minn 20% sas-sena 2020.

**4. Tender dwar bini ta' Latrina Pubblika**

Ir-rapport tal-Bord tal-Għażla kien ġie ċirkulat lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Bord tal-Għażla rrakkomanda li l-offerta għandha tingħata lil A&E Mintoff Co. Ltd li kellu l-aktar offerta vantaġġjuża u skond l-ispeċifikazzjonijiet. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din ir-rakkomandazzjoni u għalhekk il-kuntratturi kollha li tefgħu l-offerta tagħhom se jiġu nfurmati dwar din id-deċiżjoni. Wara l-kuntrattur A&E Mintoff Co. Ltd. se jiġi mitlub sabiex jiffirma l-kuntratt u jibda l-proġett ta' bini ta' latrina pubblika ġdida fi Triq Ħamrija.

**5. Assi Kapitali**

Is-Segretarju kien bagħat lill-membri kollha tal-Kunsill, lista ta' Assi Kapitali li m'għandhomx fi stat li jiffunzjunaw u għalhekk għandna niddisponu minnhom. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna niddisponu minn dawn l-assi kapitali msemmija f'din il-lista hawn taħt:-

| ASSET CODE | DESCRIPTION |
|---|---|
| CN001 | Computer Network Cards |
| CU003 | Computer upgrade (Rams) |
| DU001 | Drawer Unit (Three drawers) |
| FIL001 | Filter polaroid for Computer |
| HD001 | Hand Drier |
| HD002 | Hand Drier |
| IDCAL001 | ID Caller (tel) |
| L002 | Letter Box |
| L005 | Ladder |
| MON001 | Money Detector |
| P005 | Polaroid Optical Glass Filter |
| PR1001 | Printer Switch |
| PR1004 | Lexmark E232 |
| RUM001 | Rumble Strips |
| UPS001 | UPS ECO 480 |

**6. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq informa lill-Kunsill li ser issir laqgħa biex jiġu diskussi ismijiet ta' toroq li għandna pendenti. Il-laqgħa ser issir fis-sala tal-Ministeru Għal Għawdex nhar it-Tlieta 15 ta' Ġunju fid-9.15am. Il-Kunsill qabel li għandna nattendu għal din il-laqgħa biex jiġu diskussi x'isem għandha tingħata t-triq fl-inħawi tal-Ħorob kif ukoll dwar il-problema li kelna peress li residenti ta' triq li ngħatat isem ġdid (Trejqet taċ-Ċnus) ilmentaw li ma jridux li t-triq tagħhom tingħata isem ġdid iżda tibqa' tagħmel parti minn Triq Majmuna.

ii. L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar il-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki li ser issir f'Għawdex fl-24 u 25 ta' Settembru.

iii. L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali li iffirmaw il-Patt tas-Sindki li s-Sindki tal-istess Kunsilli Lokali qed jiġu mistiedna biex jattendu għal-laqgħa dwar il-proġett imsejjaħ HENCE. Qed jiġu mistiedna Sindki li l-Kunsilli tagħhom diġa għamlu ir-rapport dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli. Is-Sindku kienet infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li hija kienet interessata li tattendi u għalhekk huwa bagħat il-formola tal-applikazzjoni ta' interess lill-AKL. Iżda peress li l-laqgħa ser issir bejn l-24 u s-27 ta' Ġunju, is-Sindku kienet qalet ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv li aktarx mhux ser tkun tista' tmur għal din il-laqgħa peress li dak in-nhar ikun hawn il-festa tar-raħal tagħna. F'każ li tkun ser tattendi, l-ispejjeż involuti għal din il-laqgħa li ser issir fl-Italja ser jiġu koperti kollha mill-istess programm.

iv. Is-Segretarju tal-Action Committee dwar il-Proġett tal-Park Reġjonali fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini, George Azzopardi, nforma lill-Kunsill dwar l-iskav li huwa pprogrammat li jsir dan is-sajf. Dwar l-iskav ta' Għar ix-Xiħ, l-open day ser issir fis-7 ta' Lulju filwaqt li dwar l-iskav tal-Loġġa, l-open day ser issir fl-4 ta' Awissu. Il-Kunsill qabel li nagħmlu l-avviżi u norganizzaw it-trasport biex dawk kollha interessati jżuru dawn il-postijiet fid-dati imsemmija.

v. Josef Hili f'isem l-Għaqda Dilettanti tan-Nar informa lill-Kunsill li l-Kumitat tiegħu aċċetta li jikkopera mal-Kunsill biex tittella l-attivita li tinkludi Bike Show u talent lokali. Din l-attivita ser issir is-Sibt 19 ta' Ġunju fi Pjazza San Ġwann Battista.

vi. Memo 73/2010 tittratta dwar Inizjattivi Premju Lokalitajiet Indaf. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju għandu jerġa' jiċċirkola din il-memo lill-membri kollha biex kulħadd ikollu d-dettalji meħtieġa. Minn naħa tagħhom il-membri kollha għandhom iresqu programm ta' inizjattivi li għandhom isiru bejn Lulju u Ottubru. L-applikazzjoni trid issir sal-aħħar ta' Ġunju u għalhekk il-membri tal-Kunsill huma mħeġġa sabiex jibgħatu l-proposti tagħhom malajr kemm jista' jkun biex ikun jista' jsir programm dettaljat u b'hekk l-applikazzjoni tintbagħat fil-ħin.

vii. Transport Malta approvaw it-traffic management li kien propost mill-Kunsill dwar Triq il-Mitħna. Peress li din hija triq arterja, il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa.

viii. Il-Meusac infurmaw lill-Kunsilli dwar laqgħa li ser issir dwar applikazzjoni ERDF – Mitigation and Adaptation to Climate Change. Il-laqgħa ser issir fl-14 ta' Ġunju fit-3.00pm, Malta. Il-Kunsill qabel li għandna nattendu għal din il-laqgħa.

ix. Il-Kummissjoni Armar Triq San Bert talbu lill-Kunsill sabiex isiru toqob biex jeħlu arbli tal-festa. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ.

x. Cynthia Misikova mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tagħna dwar Memo 27/2010, skema għall-Finanzjament għall-Proġetti Speċjali kienet ġiet aċċettata. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jattendu

għal ċerimonja fejn is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Chris Said ser jagħti aktar informazzjoni dwar din l-iskema.

xi. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Marthese Portelli, f'ittri separati nfurmaw lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet għalfejn ma attendewx numru tal-laqgħat. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn huma raġunijiet validi. L-ittri qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti. Il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Portelli għandhom jieħdu l-allowance tal-Kunsillieri sħiħa.

## 7. Materja oħra

i. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Paul Vella li joqgħod fi Triq tal-Kanal, ippropona sabiex il-Kunsill jibgħat ittra lir-residenti tal-istess triq u li għandhom in-naħa ta' wara tad-dar tagħhom tmiss ma' Ġnien Ta' Blankas sabiex nitolbu l-koperazzjoni tagħhom u jinqatgħu l-abbużi ta' tfigħ ta' skart fl-istess Ġnien Ta' Blankas. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk se tinbgħat ittra lir-residenti imsemmija.

ii. Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw il-korsijiet matul ix-xhur tas-sajf. Għalhekk ser isiru l-avviżi u x-xogħol meħtieġ biex dawn ikunu jistgħu jsiru.

iii. Josette Stellini li toqgħod fi Triq Sapiano talbet lill-Kunsill sabiex isiru 'double yellow lines' fl-istess triq peress li meta jipparkjaw xi karozzi u jkun irid jgħaddi xi trakk, dan qed jolqot il-veranda tal-post tagħha u qed issir il-ħsara. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni tat-Transport Malta sabiex ikunu jistgħu jsiru s-sinjali sofor.

iv. Il-Viċi Sindku ppopona sabiex teħel mera tat-traffiku fi Triq Kav. L. Z. Haber fejn ta' Vella Bros. Ltd. peress li x'ħin ikunu ħerġin vetturi minn għand l-istess Vella Bros. Ltd qed ikun perikoluż. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni tat-Transport Malta sabiex tkun tista' teħel din il-mera tat-traffiku.

*F'dan il-ħin, it-7.45pm, is-Sindku daħlet fil-kamra tal-laqgħat u kompliet tmexxi din il-laqgħa.*

v. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li Daniel Tabone ta' Greenpak kien staqsih jekk sibnix persuni biex jitħarġu u nibdew il-kampanja edukattiva dwar ġbir ta' skart separat. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet għamlet kuntatti mal-Kunsill tal-Iskola u hemm persuni li huma interessati li jieħdu sehem f'din il-kampanja. Għalhekk is-Sindku se tikkordina ma' Greenpak sabiex din il-kampanja tkun tista' tibda. Bħala parti minn din il-kampanja se jitqassmu wkoll leaflets ta' informazzjoni lir-residenti kollha.

vi. Marjohn Hili, f'isem l-Għaqda tal-Armar talab li jsiru toqob ġodda fi Triq il-Kbira għal żewġ arbli tal-festa. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ.

vii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar id-devjazzjoni li saret għax-Xlendi u li qed jgħaddu mix-Xewkija. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nibgħatu ittra lill-Ministru Għal Għawdex dwar dan l-inkonvenjent li nħoloq lir-residenti tax-Xewkija. Il-Kunsill qabel

li ma kienx hemm għalfejn issir din id-devjazzjoni peress li t-traffiku seta' faċilment jibqa' għaddej lejn ir-Rabat u jsiru d-devjazzjonijiet meħtieġa mir-Rabat lejn ix-Xlendi minn hemm. B'hekk ir-raħal tagħna ma kienx jiġi affettwat.

viii. Gheorghe Radu, li qed jagħmel is-sessjonijiet tal-Aerobics u General Fitness bħala parti mill-iskema ta' attivitajiet sportivi ppropona lill-Kunsill sabiex nixtru affarijiet biex jintużaw waqt l-istess sessjonijiet tal-isports. Il-Kunsill qabel li għandna nixtru l-isports equipment li jiswew madwar €360.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 2 ta' Lulju, 2010 fis-6.30pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku